

# Is-Surmast Gaetano Grech

**Jessica Ellul**

Is-Surmast Gaetano Grech twieled l-Isla nhar id-19 ta' Settembru 1855 u miet fl-1938. Il-ġenituri tiegħu kienu Angelo u Tereża kunjomha xebba Fiammingo. Huwa kellu lil ħuh arċipriet tal-Birgu u dam bejn is-snin 1897 – 1926. L-ewwel tagħlim li Gaetano ħa fil-mużika kien mingħand zijuh Mons. Giorgio Fiammingo fejn tgħallem il-klarinett u l-vjolin. Eventwalment insibu li wkoll kien kiteb xogħlijiet għall-dawn l-istrumenti partikolari. B'uħud mix-xogħlijiet jinstabu fid-diversi soċjetajiet li fihom kien Surmast Direttur, fosthom Ħal Luqa. Gradwalment Geatano Grech kompla javvanza fil-mużika u studja F. Mallia Cassar, G. Bellizzi, P. Vassallo and G. Fiamingo. Fil-ħajja privata tiegħu huwa żżewweġ lil Ġuditta Vella li twieldet fl-1852, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt Valletta li wkoll ħalliet din id-dinja fl-istess sena li ħalla din id-dinja hu. Huwa baqa' jgħix fil-Belt għall-bosta snin fejn rabba familja bl-akbar għożża u fil-biża' ta' Alla.



Baned Maltin li tagħhom kien Surmast:

- Banda *La Valette* tal-Belt (1888-1889)
- Banda *Prince of Wales Own* tal-Birgu (1890-1892)
- Banda *Queen's Own* tal-Isla (1905-1912)
- Banda *San Ġorġ* ta' Bormla (1887-1889)
- Banda *Duke of Edinburgh* tal-Birgu (1889-1905, 1909-1910)
- Banda *L'Unione* ta' Ħal Luqa (1891-1904)
- Banda Sant'Andrija ta' Ħal Luqa (1889-1890)
- Banda *L'Isle Adam* tar-Rabat, Malta (1894-1911,1913-1921)
- Banda *La Stella* tar-Rabat, Għawdex (1902-1905)

Għal xi żmien mexxa l-Banda tar-Reġiment Skoċċiż stazzjonat f'Verdala, Bormla. Huwa kiteb mużika ta' natura profana kif ukoll sagra. Fl-1902 waqt iż-żjara statali li r-Re Dwardu VII għamel f'Malta, Mro. Grech mexxa banda ta' 600 ruħ li daqqet għal dik l-okkażjoni. Kienet esperjenza memorabbli għall-fatt li r-Re nnifsu ikkomplimentah.







Suċċessi oħra huma l-Innu All'Immortale Pio IX u l-overture La Figlia del Re Peppino li kien indaqq waqt il-Colonial Exhibition ġewwa Londra. Id-Duke of Edinburgh għoġbu jonora lis-Surmast Grech mhux biss billi aċċetta biċċa xogħol tiegħu‚Pensiero Melanconico', iżda wara li semgħu jdoqq il-vjolin ried iżommu miegħu bħala Direttur tal-Orkestra u wiegħdu li jdaħħlu wkoll fl-Orkestra ta' Sandringham Palace magħmula mill-aqwa Mużiċisti tal-Imperu. Kienet opportunità tad-deheb għalih biex jikseb fama internazzjonali imma r-rabta kbira li kellu ma' familtu wasset lis-Surmast Grech jiċħad l-aqwa okkażjoni ta' ħajtu.

Is-Surmast Gaetano Grech, magħruf bħala 'ta' Palazzi' kiteb diversi kompozizzjonijiet ghall-Filarmonika *L'Unione* ta' Hal Luqa. Fost l-ohrajn insibu l-*Inno di Gloria a Sant'Andrea Apostolo*, L-*Inno Marcia a Sant'Andrea*, ghadd ta' marci brijuzi, muzika sinfonika, muzika *da camera* u responsorji tal-Gimgha Mqaddsa.

Mro Gaetano Grech kien onorat mis-Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ f'Malta u fi Sqallija mir-Real Circolo Bellini ta' Catania meta ħatritu Membru Akkademiku tagħha u ddekoratu b'midalja tal-fidda. Waqt li kien għadu qiegħed jikkomponi l-opra Le prime crociate, wara li kien spiċċa l-ewwel att tagħha, Mro. Grech ħalla din id-dinja. Huwa jinstab midfun fiċ-ċimiterju tal-Addolorata ġewwa Raħal Ġdid.

**Referenzi**

Soċ. Fil. L'Unione (Arkivji)